IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2025
COM(2025) 450 final

2025/0248 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")[1], b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim għandu l-għan li jippromovi d-djalogu politiku u jżid l-assoċjazzjoni tal-Ukrajna mal-politiki tal-UE u s-sehem tagħha fil-programmi u l-aġenziji tal-UE. Fih ukoll żona ta' kummerċ ħieles approfondita u komprensiva (DCFTA, Deep and Comprehensive Free Trade Area) biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa li jwasslu għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq intern tal-UE. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017 u d-DCFTA ġiet applikata b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2016.

2.2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Skont l-Artikolu 465(4) tal-Ftehim, il-kwistjonijiet kollha relatati mat-Titolu IV tal-Ftehim (dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) se jiġu indirizzati fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ. Skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim, dak il-Kumitat jista' jieħu deċiżjoni "dwar l-aċċellerazzjoni jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali fuq prodott [li għandha] tħassar kwalunkwe rata ta' dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Iskedi tagħhom [tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukrajna] għal dak il-prodott" wara konsultazzjonijiet mill-Partijiet dwar "l-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejniethom". Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet.

2.3. L-att previst tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim ("l-att previst").

L-iskop tal-att previst huwa li jaċċellera u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fil-kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna.

L-att previst isir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 465(3) tal-Ftehim, li jipprevedi li: "Id-deċiżjonijiet huma vinkolanti għall-Partijiet, li jieħdu l-miżuri xierqa biex iwettquhom."

[1] ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ se tissejjes fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ mehmuż ma' din il-proposta. Hija frott il-konsultazzjonijiet imwettqa bejn il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 29(4) tal-Ftehim. Il-konsultazzjonijiet tnedew fl-2021 fuq talba tal-Ukrajna. Sussegwentement ġew sospiżi b'segwitu għall-invażjoni fuq skala sħiħa illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja u l-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' miżuri unilaterali ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ permezz tal-Miżuri Kummerċjali Awtonomi (ATMs, Autonomous Trade Measures) tagħha fl-4 ta' Ġunju 2022[2], li ġew imġedda fl-2023[3] u fl-2024[4]. Il-Partijiet issoktaw bil-konsultazzjonijiet f'Ġunju 2025.

Il-konsultazzjonijiet irriżultaw fi ftehim bil-parametri segwenti.

– **Flussi kummerċjali msaħħa.** Il-ftehim rivedut isib bilanċ bejn li jiġi appoġġat il-kummerċ tal-Ukrajna mal-UE u li jitqiesu s-sensittivitajiet ta' ċerti partijiet ikkonċernati u setturi agrikoli tal-UE. L-aċċess għas-suq negozjat ivarja skont il-prodotti. Għall-iktar oġġetti sensittivi, bħaz-zokkor, il-pollam, il-bajd, il-qamħ, il-qamħirrum u l-għasel, hemm żidiet limitati meta mqabbla mad-DCFTA b'rabta mal-kummerċ skont l-ATMs. Għall-prodotti l-oħra, sar titjib li minnu jibbenefikaw iż-żewġ naħat abbażi tas-swieq kumplementari tagħna. Fl-aħħar nett, għal ċerti prodotti mhux sensittivi, sar qbil dwar liberalizzazzjoni sħiħa.

– **Allinjament mal-istandards tal-UE tal-produzzjonijiet agroalimentari.** L-aċċess għas-suq ġdid huwa kundizzjonali fuq l-impenn tal-Ukrajna li tallinja gradwalment ma' ċerti standards tal-UE tal-produzzjoni agroalimentari, bħall-benesseri tal-annimali, l-użu tal-pestiċidi u l-mediċini veterinarji, fil-limiti ta' żmien elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-Ukrajna hija mistennija tirrapporta kull sena dwar il-progress tagħha f'dak ir-rigward. Dan l-approċċ huwa konsistenti mal-perspettiva tal-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE u l-adozzjoni tal-acquis tal-UE.

– **Klawsola ta' salvagwardja robusta.** Kull Parti se jkollha l-possibbiltà li tattiva mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri xierqa f'sitwazzjonijiet li fihom l-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra jistgħu jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet ekonomiċi, soċjetali jew ambjentali fit-territorju tagħha. Fil-każ tal-UE, disturb possibbli jista' jiġi vvalutat fil-livell ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

---

[2] Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 103).

[3] Ir-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 1).

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2024/1392, 29.5.2024).

L-Unjoni Ewropea kkundannat bil-qawwa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ħadet passi bla preċedent biex tappoġġa lill-Ukrajna f'dan il-kuntest ta' eċċezzjoni. Dan l-appoġġ ivarja minn assistenza finanzjarja, permezz tal-assistenza makrofinanzjarja għall-miżuri ta' emerġenza u r-rikostruzzjoni, it-twassil ta' tagħmir militari u l-adozzjoni ta' sanzjonijiet estensivi kontra r-Russja u l-Belarussja, għall-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni skont il-Ftehim deskritta fil-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju[5]. L-Ukrajna ngħatat l-istatus ta' kandidat tal-UE f'Ġunju 2022 u n-negozjati tal-adeżjoni nfetħu f'Diċembru 2023. L-att previst għaldaqstant jikkonforma mal-obbligi tal-Unjoni skont l-Artiklu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u huwa segwitu tagħhom biex tkun aċċertata l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha, kif ukoll skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi li l-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

Sabiex tinforma lill-pubbliku u tiġbor l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet sejħa għal evidenza[6] bejn it-3 ta' Settembru 2024 u l-1 ta' Ottubru 2024. Il-Kummissjoni rċeviet 111-il rispons, li minnhom 49 ġew riċevuti minn membri individwali tal-pubbliku u 62 minn assoċjazzjonijiet u kumpaniji. Il-biċċa l-kbira tas-sottomissjonijiet mill-partijiet ikkonċernati fis-settur agroalimentari tal-UE talbu għal żidiet baxxi sa moderati fl-aċċess għas-suq għall-importazzjonijiet mill-Ukrajna u enfasizzaw it-tfixkil li kienu għaddew minnu meta l-importazzjonijiet setgħu jidħlu liberament skont l-ATMs, filwaqt li xi wħud talbu għal aċċess għas-suq ambizzjuż immens miż-żewġ naħat u enfasizzaw il-potenzjal tal-esportazzjoni tal-UE u l-ħtieġa li jinġiebu inputs mill-Ukrajna. Il-partijiet ikkonċernati fis-settur agroalimentari tal-Ukrajna talbu għal aċċess għas-suq ta' livell għoli u enfasizzaw l-importanza tas-settur agroalimentari għall-ekonomija u l-introjtu mill-esportazzjonijiet tal-Ukrajna. Diversi partijiet ikkonċernati talbu għal allinjament gradwali tal-Ukrajna mal-istandards tal-produzzjoni tal-UE kif ukoll għal salvagwardja b'saħħitha. Il-biċċa l-kbira tal-individwi li wieġbu kienu kontra kwalunkwe liberalizzazzjoni tal-kummerċ ulterjuri mal-Ukrajna qabel ma jsir allinjament ma' aktar standards tal-UE, u xi wħud talbu biex jiżdiedu d-dazji, jew jitwaqqaf għalkollox il-kummerċ. Xi ftit talbu għal aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ u enfasizzaw il-perkors Ewropew tal-Ukrajna.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*'' jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li

[5] https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/10d63ead-6bd4-4173-9986-d74c664e45e5/details?download=true

[6] Kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna – aktar liberalizzazzjoni reċiproka tat-tariffi skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna

ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[7].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 465(3) tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali

L-objettiv prinċipali u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta għandha tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ se jemenda l-Ftehim, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

[7] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

2025/0248 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247[8] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

(2) Skont l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 465(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni dwar l-aċċellerazzjoni jew it-tneħħija ta' dazju doganali fuq prodott li tħassar kwalunkwe rata ta' dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Iskedi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukrajna għal dak il-prodott.

(3) Fuq talba tal-Ukrajna, il-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim inbdew fl-2021. Sussegwentement il-konsultazzjonijiet ġew sospiżi b'segwitu għall-invażjoni fuq skala sħiħa illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja u l-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea ta' miżuri unilaterali ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ permezz tal-Miżuri Kummerċjali Awtonomi tagħha fl-4 ta' Ġunju 2022[9], li ġew imġedda fl-2023[10] u fl-2024[11]. Il-Partijiet issoktaw bil-konsultazzjonijiet fl-2025. Dawn il-

[8] ĠU L 181, 12.7.2017, p. 1-3.

[9] Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 103).

[10] Ir-Regolament (UE) 2023/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 1).

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni

konsultazzjonijiet irriżultaw fi ftehim proviżorju li għandu jiġi adottat mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-eliminazzjoni ta' dazji doganali u jappoġġa l-allinjament tal-Ukrajna mal-acquis tal-UE li hija parti importanti tan-negozjati tal-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE.

(4) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim matul l-2025.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni ta' dak il-Kumitat se tkun vinkolanti fir-rigward tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ taħt il-Ftehim għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2024/1392, 29.5.2024).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA "DĦUL" – GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali

2. LINJI BAĠITARJI

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għall-2026: EUR 21 368 300 000

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul [12] [13]	L-1 ta' Ottubru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025	2026	2027
Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120	*Impatt fuq ir-riżorsi proprji*	8,3	14,3	14,3

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Sabiex tiġi evitata l-frodi, l-intitolament għat-tnaqqis fid-dazji doganali stabbilit permezz tad-Deċiżjoni proposta huwa bil-kundizzjoni li l-Ukrajna tkun ikkonformat mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha għall-ksib tal-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż ir-regoli tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involviment tal-Ukrajna f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst fil-Ftehim.

[12] L-ammonti għal kull sena jeħtieġ li jkunu stima abbażi tal-formula jew il-metodu stabbilit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

[13] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

5. RIMARKI OĦRA

L-impatt mistenni fuq id-dħul jikkonsisti mis-somma tad-dazji doganali tan-Nazzjon l-aktar iffavorit li jiġu applikati fuq il-volum kopert mill-konċessjoni addizzjonali skont ir-rieżami tal-Ftehim.